19 APR 2023

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 578**

**It-Tnejn 13 ta' Marzu 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angelo Scicluna - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**578.1Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

578.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna jkun skużat.

**578.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

578.2.1 Il-minuti tal-576 u 577 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

**578.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

578.3.1 Is-Sindku qal illi skont l-Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali trid issir laqgħa pubblika sabiex jiġi ppreżentat ir-Rapport Amministrattiv, ir-Rapport Finanzjarju u l-Pjan ta' Ħidma. Is-Sindku żied jgħid li din il-laqgħa trid issir sa mhux aktar tard mill-15 ta' April, 2023. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali ssir fit-13 ta' April, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri preżenti sabiex jibgħatu r-rapport ta' ħidma tagħhom għas-sena 2022.

578.3.2 Fis-6.15 ta' filgħaxija s-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri daħlet għal-laqgħa.

578.3.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva stedina uffiċjali minn Eschborn sabiex membri tal-Kunsill u ċiklisti jattendu għall-*International Bicycle Race* f'*Eschborn* fl-1 ta' Mejju, 2023. L-istedina kienet miftuħa mid-29 ta' April, 2023 sat-2 ta' Mejju, 2023. Is-Sindku ppropona li d-delegazzjoni tal-Kunsill tkun magħmula minn erba' membri tal-Kunsill u staqsa lill-Kunsillieri li qatt ma żaru Eschborn jekk kienux interessati jattendu. Is-Sindku qal illi minħabba mpenji oħra ma kienx possibli għalih li jżur Eschborn qabel l-1 ta' Mejju.

578.3.4 Fis-6.20 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Buttigieg daħal għal-laqgħa.

578.3.5 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li d-delegazzjoni tal-Kunsill tkun komposta mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sinjura Anna Calleja, mis-Sur Joseph Agius u ħames ċiklisti.

578.3.6 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsill ġie mistieden jibgħat artist Żabbari sabiex ittella' esebizzjoni ta' fotografija f'Eschborn matul ix-xahar t' Awwissu 2023. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill itella' wirja tal-fotografija tas-Sur Andrè Gialanzè u l-mibki Raymond Gialanzè. Is-Sur Mark Grech iddikjara li kellu kunflitt ta' interess peress illi s-Sinjuri Gialanzè kienu jiġu minnu u għalhekk talab li jkun skużat sakemm tiġi diskussa din il-materja sabiex ma jieħux sehem f'din id-

diskussjoni u fid-deċiżjoni. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ta' Eschborn kien lest illi jħallas l-akkomodazzjoni ta' dan l-artist filwaqt li l-Kunsill jħallas għall-biljetti tal-arju u tal-*freight* tal-fotografiji. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Andrè Gialanzè jesebixxi wirja ta' fotografija f'Eschborn f'Awwissu li ġej.

578.3.7 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet li kienu qed isiru mill-Gvern Ċentrali fi Triq tal-Labour u qal illi x-xogħol kien kważi tlesta u kien jonqos biss is-sinjali taż-żebgħa tat-triq u installazzjoni ta' barrikati. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien sar ftehim ma' Infrastruttura Malta sabiex il-Kunsill jgħaddi l-*cable* tad-dawl permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill u Infrastruttura Malta kienet ser tirrifondi din l-ispiża.

578.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tar-*roundabout* fi Triq tal-Labour, il-Grupp Armar tal-Festa kienu ressqu talba biex jagħmlu arblu tal-festa fir-*roundabout*. Is-Sindku qal illi huwa kien infurmahom illi dan ma kienx possibli jsir peress illi fir-*roundabout*, il-Kunsill kien qabel li jagħmel monument tal-Gran Mastru Von Hompesch. Is-Sindku żied jgħid li sadanittant għaqda lokali kienet issottomettiet talba mal-awtoritajiet sabiex jagħmlu arblu ta' bandiera f'din ir-*roundabout*. Kien inqala' xi diżgwied bejn l-għaqdiet lokali dwar min għandu jarma matul il-ġranet tal-festa f'din ir-*roundabout* u għalhekk kien sejjaħ laqgħa ma' dawn l-għaqdiet u nfurmahom li l-Kunsill kellu proġett għal din ir-*roundabout* u għaldaqstant ma kienx ser jagħti permess li jitwaħħlu arbli f'din ir-*roundabout*. Is-Sindku qal ukoll illi kien issuġġerixxa li l-arblu tal-bandiera isir fir-*roundabout* li hemm fi Triq tal-Labour fid-direzzjoni tal-Cottonera. Is-Sindku spjega li diġa hemm komunikat għaddej ma' Transport Malta dwar dan il-monument u li fil-ġranet li ġejjin kien ser iressaq id-disinn tal-monument għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

578.3.9 Is-Sindku tkellem dwar xogħol li kien għaddej fil-lokalità iffinanzjat mill-fondi tal-Kunsill u qal illi kien inbidel iċ-ċint tas-*soft area* li hemm fi Triq l-Għakrux, fil-viċinanzi ta' Triq in-Naħla. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien xtara l-*mulch* u s-siġar u żied jgħid li bħalissa kienu qegħdin għand il-kuntrattur li kien ser iħawwel dawn is-siġar. Sar xogħol ta' kostruzzjoni ta' bankina fi Triq Santa Duminka maġenb il-grawnd tas-St Patrick u tlestew il-preparamenti neċessarji taż-*zebra crossing* f'din it-triq. Matul il-ġimgħat li ġejjin mistenni jsir il-konnessjoni tad-dawl u s-sinjali taż-żebgħa ta' din iż-*zebra crossing*.

578.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Transport Malta kienet approvat il-proġett tal-*Mobility Week* u l-Kunsill kien għaddej jiġbor il-kwotazzjonijiet kif mitlub skont ir-regolamenti tax-xiri sabiex jimplimenta dan il-proġett.

578.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-proġetti tal-*Urban Greening* u qal illi dawn il-proġetti kienu kważi tlestew. Is-Sindku qal li fil-pjazza ta' Triq Ġużeppi Pace ma kinitx saret bankina u l-vetturi kienu qed jipparkjaw u jimblukkaw l-aċċessi tal-bibien ta' barra ta' wħud mir-residenti. Is-Sindku ppropona li minflok isiru *ubars* jew *bollards* jinxtraw pots bil-fjuri u jitpoġġew fil-ġnub tal-bibien sabiex il-vetturi ma

jkunux jistgħu jipparkjaw. Is-Sinjura Anna Calleja ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament. Dwar il-proġett tal-venda, ix-xogħol kien wasal fil-final u kull ma kien jonqos kien l-installazzjoni tal-pompi tal-funtani u l-*green wall*. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk hux ser isir ir-*railing* tat-taraġ. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

578.3.12 Is-Sindku qal illi kienu ser isiru qsari ċatti bil-fjuri fir-*roundabout* li saret fi Triq tal-Labour, fir-*roundabout* li hemm fi Triq is-Santwarju fejn hemm il-monument tal-Ex President is-Sinjorina Agatha Barbara u qsari fuq il-bankina li hemm mad-dawra. Is-Sindku żied jgħid li din is-sena ser jiġi mfakkar il-mitt sena mit-twelid tal-Ex President is-Sinjorina Agatha Barbara u kienet għaddejja komunikazzjoni mal-Bord tal-Festi Nazzjonali peress illi kien ser jitħejja programm ta' attivitajiet.

578.3.13 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-attività tal-logħob iż-żgħar kellu jiġi pospost minħabba li kien hemm attività politika fl-istess ġurnata. Is-Sindku żied jgħid li d-data ġiet posposta għal April.

578.3.14 Dwar ix-xogħlijiet infrastrutturali li kienu qed isiru mill-Gvern Ċentrali fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, is-Sindku qal illi bħalissa kien qed jitħaffer il-ġibjun. Kien inbeda x-xogħol infrastrutturali fi Triq Santa Duminka. Ġie mħabbar proġett fil-*Housing Estate* u mistenni jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq blokka ta' appartamenti. Dan kien jinkludi, fost xogħlijiet oħra, tibdil ta' aperturi u pannelli solari. Kien inbeda x-xogħol infrastrutturali fi Triq Bormla, Triq il-Kapuċċini u Triq Alessio Erardi. Is-Sur Joseph Agius staqsa meta kienet ser issir Triq is-Saqwi. Is-Sindku qal illi Triq is-Saqwi kienet fil-lista tax-xogħlijiet.

578.3.15 Is-Sindku qal illi permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill kien ser isir xogħol ta' *extensive patching* fi Triq l-Għakrux u fi Triq iċ-Ċimiterju kantuniera ta' Triq John Delia. Fil-ġimgħat li ġejjin kien mistenni jinbeda x-xogħol fil-*Housing Estate* fuq wara tal-ħwienet li hemm fi Triq il-Fraxxnu.

578.3.16 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienet saret komunikazzjoni sabiex jiġi inawgurat il-proġett marbut man-nies neqsin mis-smiegħ. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx ser ikun hemm il-preżenza ta' Membri Parlamentari matul l-inawgurazzjoni. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li għall-inawgurazzjoni għandu jiġi mistieden il-Membru Parlamentari tal-oppożizzjoni Darren Carabott.

578.3.17 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett tal-Miżura 4 -- *Development of Green Infrastructure* u qal li l-Kunsill kien installa erba' strutturi edukattivi u wara jumejn insterqu żewġ strutturi minnhom.

578.3.18 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien ser jissottometti *change request* tal-Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure* u talbet lill-Viċi Sindku tiġi tiffirma d-dokumenti.

578.3.19Fis-6.48 is-Sinjura Anna Calleja talbet li tkun skużata.

**578.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

578.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-sotto kumitat.

**578.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

578.5.1 Is-Sindku talab li flimkien mal-pagamenti mniżżla fl-iskeda ta' pagamenti, il-Kunsill japprova l-ħlas li jammonta għal €1,121 fir-rigward tax-xiri tal-*mulch* mingħand is-Sur Clifton Debrincat u l-ħlas li jammonta għal-€3,200 fir-rigward tax-xiri tas-siġar mingħand is-Sur Stephen Muscat. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn s-7 ta' Frar 2023 u t-13 ta' Marzu 2023 li kienet tammonta għal €158,649.20, kif ukoll il-pagament tax-xiri tal-*mulch* u s-siġar.

**578.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Ottubru - Diċembru 2022**

578.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Ottubru – Diċembru 2022. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament ir-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Ottubru – Diċembru 2022.

**578.7 Ingaġġ ta' skrivan/a (skala 15)**

578.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' skrivan/a - (Skala 15). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu kandidata 'A' hija adattata għal din il-kariga u għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi f'każ li kandidata 'A' ma taċċettax l-impjieg għall-kariga ta' skrivan/a, il-Kunsill ser imur għal kandidat 'B', li ġie kklassifikat it-tieni fil-lista tal-għażla. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li kandidata 'A' tiġi mpjegat bħala skrivan/a - (Skala 15).

**578.8 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- **Xiri ta' Vann (ZLC 1/2023)**

578.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill ma kien irċieva l-ebda offerta għax-xiri ta' vann. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien qed jiġbor kwotazzjonijiet għax-xiri ta' vann biex tkun tista' issir talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali skond il-linji gwida 3.5 sabiex il-Kunsill jingħata konċessjoni jagħti *direct order* u jixtri vann. Is-Sindku żied jgħid li l-vann ZLC008 ma kienx għadda mill-VRT u eventwalment kellu jiġi skrapjat. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinkera vann u jintuża mill-ħaddiema tal-manutenzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-

kwotazzjonijiet miġbura. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva l-orħos offerta li kienet tammonta għal €45 eskluż il-vat, kuljum.

**578.9 Tismija ta' toroq**

578.9.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq dwar numerar ta' bibien tar-residenzi fi Triq il-Biċċieni, Triq Spadaro, Triq id-Dukkar u Sqaq tal-Għargħar. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ġie nfurmat li fi Triq il-Biċċieni kienu qed jintużaw numri konsekuttivi u l-Kumitat issuġġerixxa li jsir eżerċizzju ġdid ta' numerar ta' bibien fi Triq il-Biċċieni, kif ukoll fl-isqaqien li hemm ġo fiha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jsir eżerċizzju ġdid ta' numerar ta' bibien fi Triq il-Biċċieni, kif ukoll fl-isqaqien li hemm ġo fiha.

578.9.2 Il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq infurmaw lill-Kunsill illi fi Triq Spadaro in-numri li kienu ngħataw preċedentament saru bil-kontra u nqalbu n-numri tax-xellug ma' tal-lemin. Il-Kumitat talab li jsir eżerċizzju ġdid fit-triq kollha. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jsir eżerċizzju ġdid ta' numerar ta' bibien.

578.9.3 Il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq talab li jsir eżerċizzju ġdid ta' numerar ta' bibien fi Triq l-Għakrux u n-numri tal-bibien jibdew minn naħa ta' Triq il-Kuluvert. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jsir eżerċizzju ġdid ta' numerar ta' bibien fi Triq l-Għakrux u n-numri tal-bibien jibdew minn naħa ta' Triq il-Kuluvert.

578.9.4 Il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq talab li jsir eżerċizzju ġdid ta' numerar ta' bibien fi Sqaq tal-Għargħar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jsir eżerċizzju ġdid ta' numerar ta' bibien fi Sqaq tal-Għargħar.

578.9.5 Dwar Triq id-Dukkar, minħabba li f'parti minnha hemm wesgħa, il-Kumitat kellu diffikultà biex ikompli l-eżerċizzju tan-numerar tal-bibien fil-kumplament tat-triq u għaldaqstant issuġġerixxa li l-parti l-wiesgħa tingħata l-isem 'Wesgħa Triq id-Dukkar'. Is-Sindku qal illi ma kienx jaqbel li jingħata isem ġdid għall-wesgħa li hemm fi Triq id-Dukkar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jingħatax isem ġdid għal din il-wesgħa.

578.9.6 Peress illi bejn Triq il-Kapuċċini u Triq ix-Xgħajra kien hemm spazju miftuħ, il-Kumitat talab lill-Kunsill jiddeċiedi jekk issemmix dan l-ispazju miftuħ bħala Misraħ. Is-Sindku qal illi f'dan l-ispazju miftuħ kull ma kien hemm tlett residenzi biss u għaldaqstant ma kienx jaqbel li jingħata isem ġdid. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li Triq il-Kapuċċini għandha tiġi prolungata sa' Triq ix-Xgħajra.

**578.10 Attivitajiet Kulturali**

578.10.1 Fis-7.05 ta' filgħaxija is-Sinjorina Ghislaine Bongailas daħlet għal-laqgħa.

578.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li mill-1 ta' Jannar, 2023 kien hemm tibdil fil-kuntratt għas-servizz ta' ġbir ta' skart li għaldaqstant wassal għal żieda fil-prezz tal-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fis-snin ta' qabel il-Kunsill kien jirnexxielu jwarrab fondi mill-ispejjeż tal-kollezzjoni tal-ġbir ta' skart mill-allokazzjoni tal-gvern, li mbagħad kienu jintużaw għal servizzi kulturali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-prezz kien żdied għal madwar €4,000 aktar fix-xahar. Barra minn hekk, il-ħlas dovut lil Wasteserve relatat mar-rimi ta' skart fil-*landfill* kien irdoppja. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-allokazzjoni tal-Gvern kienet tkopri l-ispejjeż tal-kollezzjoni tal-iskart, u għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jmur id-Dipartiment biex jitlob fondi addizzjonali. Il-Kunsill ma jingħatax allokazzjoni biex jorganizza attivitajiet kulturali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li kienet qed tgħaddilhom din l-informazzjoni mhux biex il-Kunsill ma japprovax attivitajiet kulturali, iżda biex il-Kunsill ikun jaf biż-żieda fil-prezz tal-ġbir tal-iskart u jkun jista' jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu fir-rigward ta' attivitajiet speċjalment attivitajiet ġodda, li m'humiex imdaħħla fil-*budget* tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet sabiex il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti jirriċiklaw sabiex l-iskart imħallat jonqos, il-piż reġistrat jonqos, u għaldaqstant tonqos l-ispiża tal-ġabra. Naturalment, la darba l-piż tal-iskart jonqos, din ser taffettwa pożittivament l-ispiża tat-*tipping fees.* Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva lista ta' attivitajiet li ser jiġu organizzati mill-għaqdiet lokali matul is-sena. Is-Sur Joseph Agius semma l-importanza li qabel il-Kunsill jiddeċiedi li jorganizza attività, jara x'*budget* għandu l-Kunsill u wara tittieħed deċiżjoni. Is-Sindku ppropona li qabel ma' l-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar l-attivitajiet, isejjaħ laqgħa mal-għaqdiet lokali. Ir-raġuni hija minħabba li l-*budget* tal-Kunsill huwa wieħed ristrett ħafna sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti l-programm ta' attivitajiet li jkunu qed isiru, u jiddiskuti l-*budget* tal-Kunsill matul dawn l-attivitajiet. Is-Sindku qal illi l-Kunsill irid iħalli *budget* sabiex isir it-tiżjin tat-toroq fil-Milied. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill għandux jorganizza attività tal-massa li tkun organizzata kollha mill-Kunsill Lokali, fejn l-għaqdiet lokali jkunu jistgħu jiġġeneraw il-flus. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk l-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Lokal jidħlux taħt il-vot 'kulturali'. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel kienu talbu li jorganizzaw l-attività L-Erbgħa tat-Tniebri fil-5 t'April 2023. Peress illi d-data ta' din l-attività kienet qrib wisq, jekk il-Kunsill ma jiddeċiedix illum, mhux ser ikun hemm laqgħa tal-Kunsill qabel l-avveniment. Is-Sindku qal illi kien ser jiddiskuti din l-attività fil-jiem li ġejjin u jiċċirkola *email* lill-Kunsillieri bil-ftehim li ser ikun intlaħaq dwar din l-attività. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li deċiżjonjiet għandhom jittieħdu waqt laqgħa tal-Kunsill u mhux permezz ta' *email* speċjalment għall-fatt jekk mhux kull Kunsillier jirrispondi lura. Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Vella jattendi għal-laqgħa mal-għaqdiet lokali flimkien miegħu.

578.10.3 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sur Malcolm Schembri sabiex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill jiġi ppubblikat Direttorju Wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont l-orħos offerta sabiex jiġi stampat 1000 direttorju, in-nefqa kienet ser tammonta għal €367.50. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jistampa mingħand il-*Best Print* il-fuljett dwar il-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira bil-kollaborazzjoni tas-Sur Malcolm Schembri għall-prezz ta' €367.50 VAT inkluż. Is-Sindku żied jgħid li kien ser jistaqsi lir-Reġjun Port jekk jixtiequx jinkludu fid-Direttorju Wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira il-wirjiet li ser jittellgħu fir-Reġjun u dan jiġi stampat permezz tal-fondi tar-Reġjun.

578.10.4 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba mill-Kulleġġ Santa Margerita Skola Primarja A sabiex il-Kunsill jixtri kotba għall-kompetizzjoni li ser issir għat-tfal fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-ġimgħa tal-litteriżmu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din il-kompetizzjoni bil-kollaborazzjoni tal-Kulleġġ Santa Margerita Skola Primarja A u jixtri l-kotba għar-rebbieħa.

578.10.5 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex jiġi organizzat kunċert fil-knisja bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li ma jilqax din it-talba.

**578.11 Ittri legali**

578.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-allegatament inċident dwar siġra li waqgħet fuq vettura li kienet ipparkjata fi Triq iċ-Ċawsli. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien talab permezz ta' ittra legali lill-kuntrattur responsabbli miż-żamma u manutenzjoni jagħti informazzjoni dwar din is-siġra, b'mod partikolari kemm il-darba nżabret u l-kundizzjoni tagħha qabel waqa' z-zokk. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li r-risposta tal-kuntrattur tal-Kunsill kienet li ż-żona li fiha kienet tinsab is-siġra kienet titnaddaf regolarment u qatt ma kien hemm xi indikazzjoni li seta' kien hemm xi problema bis-siġra in kwistjoni u li fil-fehma tiegħu l-inċident in kwistjoni kien riżultat ta' forza maġġuri, u li, fi kwalunkwe każ, ma jista' qatt ikun hemm xi responsabilità x'tintefa' fuq il-kuntrattur.

**578.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

578.12.1 Il-Viċi Sindku rreferiet għall-istrutturi edukattivi li twaħħlu fis-*soft areas* taż-żona ta' Buleben iż-Żgħir u staqsiet x'tip ta' informazzjoni kienet ġiet użata. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-istrutturi kienu twaħħlu mingħajr ebda nformazzjoni. Il-Viċi Sindku qalet li għada qed tistenna tweġiba rigward it-talba tagħha biex jitniżżel isimha fuq il-pannella edukattiva. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid illi hija tħoss li għandu jkun hemm isimha biex tieħu kreditu tax-xogħol li għamlet peress illi hija ħadet ħsieb tfittex u tiġbor l-informazzjoni mill-ħin tagħha u l-kompetenza fil-qasam, flimkien mas-sorsi minn fejn ġiet kwotata l-informazzjoni, bħala ħaġa ħolistika u mhux sempliċiment għax kienet responsabbli mill-proġett.. Is-Sindku

qal illi huwa diġa kien irrispondiha u nfurmaha li ma kienx jaqbel li għandu jitniżżel isimha. Is-Sindku żied jgħid li m'hix prassi li jitniżżel isem il-Kunsillieri fuq it-tabelli għax ikunu ħadu ħsieb il-proġett. Is-Sindku qal illi kienu saru tabelli tal-proġett immirat għall-persuni neqsin mis-smiegħ u l-isem tal-Kunsillier responsabbli minn dan il-proġett ma tniżżilx fuq it-tabelli. Il-Viċi Sindku qalet li f'każ li ma tingħatax kreditu għax-xogħol li għamlet flimkien mas-sorsi minn fejn giet kwotata l-informazzjoni,, kienet qed titlob biex il-Kunsill ma jużax l-informazzjoni li pprovdiet. Il-Viċi Sindku żiedet tgħid li din l-informazzjoni kienet ħaditilha ħafna ħin u ma kienx xogħol ta' ftit minuti. Emendati

578.12.2 Il-Viċi Sindku ressqet talba li kienet irċeviet sabiex jinbidel il-vultaġġ tal-bozza fi Triq iż-Żagħrun. Il-Viċi Sindku qalet li kienet ser tibgħat id-dettalji permezz tal-*email*.

578.12.3 Il-Viċi Sindku qalet li fi Triq San Ġużepp kien hemm *road hump* maqlugħa u żiedet tgħid li għad hemm xi viti fit-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-biċċiet tar-*road hump* kienu nġabru u li kien ġie bbukkjat gwardjan lokali sabiex jassisti t-traffiku sakemm il-ħaddiema jwaħħlu r-*road hump* mill-ġdid.

578.12.4 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsiru l-*hatching lines* fi Triq tal-Labour.

578.12.5 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li ssir iż-żebgħa mal-garaxxijiet fi Triq l-Iskola. Is-Sindku qal illi fil-laqgħa li jmiss kien ser jitniżżel *item* fl-agenda – *Traffic Management* fid-dawra tal-iskejjel. Dan sabiex jiġi diskuss it-*traffic management* li sar bi prova f'din iż-żona u eventwalment jinżebgħu s-sinjali tat-traffiku kollha.

578.12.6 Is-Sur Joseph Buttigieg irrefera għax-xogħol infrastrutturali li kien qed isir fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa u staqsa jekk kienx ser jittella' ċint mal-għalqa. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

578.12.7 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienux ser isiru l-*pelican lights* li kien hemm qabel ma saru x-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq tal-Labour. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

578.12.8 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx ser tiġi mressqa ż-*zebra crossing* li hemm fi Triq il-Vittorja. Is-Sindku qal li din kienet għadha trid tiġi diskussa.

578.12.9 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jerġgħu jitwaħħlu d-*dustbins* u d-*dog bins* li kien hemm fi Triq tal-Labour.

578.12.10 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill li fil-11 t' April 2023 kien ser jorganizza *Easter Lunch* għall-anzjani.

578.12.11 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq tal-Labour kien għadu ma rranġalux it-tarġa tal-irħam tal-bieb ta' barra.

578.12.12 Is-Sur Joseph Agius talab li tinżebagħ *stop sign* fl-art fi Triq Santa Tereża qabel iddur għal Triq ~~is-Santwarju~~ il-Kunvent. Emendati

**578.13 Mozzjonijiet**

578.13.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**578.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

578.14.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku , il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 18 ta' April, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

578.14.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.40 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-579 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 18 ta' April, 2023.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku